L-Akkademja tal-Malti

Taħdem biex iġġib 'il quddiem
il-qagħda tal-Malti bħala lsien
nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

Kitbet aktar minn 340 novella, stejjer qosra li bosta minnhom ixxandru fuq radjijiet kemm hawn Malta kif ukoll l-Awstralja, waqt li bosta minnhom kienu ppubblikati fil-ġurnali.

Ippubblikat tnax-il rumanz fosthom *Kien Kwinta l-Qamar* (1974, 2008)

*La Jerġa' Jasal Diċembru* (2010), *Kastell għal Clara* (2012), *Meta Jħammar il-Peprin* (2013), *Katrina* (2015), *Meta traxxax ix-Xita* (2018) u

*Ladarba Dar ir-Riħ* (2018). *Sireni u Serenati* (2004) huwa awtobijografija ta' tfulit il-kittieba fil-gwerra u li ħa l-ewwel premju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Brockdorff hija l-awtriċi ta' ħames antoloġiji ta' novelli bl-isem ta': *Il-Bieb Numru 11 u stejjer oħra* (2007), *Bellus u Bizzilla* (2008), *Intermezzi* (2012), *Ħin l-Istejjer* (2016) u *Minn Żmien l-Għerien* (2018) u *Qabel tbaxxi d-dawl* (2019).

Il-President Vella feraħ lis-Sinjura Brockdorff u ddeskrivieha bħala persuna li ddistingwiet ruħha l-aktar b'ħidma fuq tul ta' żmien għall-iżvilupp tal-Ilsien Malti u tal-letteratura. Huwa feraħ ukoll lill-Akkademja tal-Malti li, ta' kull sena bħal dan iż-żmien, tagħraf tirrikonoxxi l-kontribut ta' wieħed minn fostna li, bil-pinna tiegħu - spiss ukoll b'għemilu - ikun għaraf iseddaq il-letteratura u l-għarfien tal-lingwa Maltija. B'dan il-ġest l-Akkademja tagħraf il-valuri tal-impenn u l-ħidma.

Huwa fisser li kien bi pjaċir li, għal darb'oħra, flimkien ma' martu Miriam ta l-patroċinju għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti', li din is-sena rebħitu l-awtriċi Lina Brockdorff.

Din kienet il-ħames Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' li ngħatat. Fl-2016 ingħatat lil Oliver Friggieri, is-sena ta' wara lil Monsinjur Lawrenz Cachia, warajh is-Sur Trevor Żahra u s-sena l-oħra lil Victor Fenech.